*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 49 - 2016

Data: 16 ta' Mejju 2016

Hin: 2.15 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*
Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 48/2016;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Minuti – 49 - 2016**

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 48 – 2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 48 – 2016, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Joe Bajada ġibed l-attenzjoni u qajjem punt li fil-minuti ma tniżżlux li l-Għaqda tan-Nar Ta' Sannat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ser itllegħu attivita' fi Triq Xamgħan nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016, fis-7.30 p.m., u fejn hu qal li dawn talbu lill-Kunsill PA system u s-servizz tad-Dulli u Veronica biex ikomplu jallegraw waqt din l-attivita'. Dwar dan kien hemm qbil li jitniżlu f'dawn il-minuti mill-Kunsill. B'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Approvazzjoni tal-Minuti 48-8

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Fuq talba tal-Kunsill, is-Segrtearju Eżekuttiv kien stieden lill-Perit tal-Kunsill jattendi għal din il-laqgħa tal-lum biex jgħati l-intervent tiegħu u jispjega l-kont ta' Triq Mġarr ix-Xini li din it-triq ngħatat f'Novembru 2015 bil-konkos b'impatt ambjentali mill-Kuntrattur Peter Paul Said u li dan ġie għola mill-ammont li kellu vvutat il-Kunsill dak ta' €17,000. Il-Perit spjega lill-Kunsill li dan il-kont intelgħa għal ammont ta' €21296.66 bit-tnaqqis ta' €1064.03 Contract Management Fee bid-differenza ta' €4296.66. Il-kont tas-Sur Said ġie iċċertifikat mill-Perit wara li l-Perit qal li hu kejjel din it-triq aktar minn darba. Il-Perit qal li din it-triq intelgħet aktar għar-raġuni li fi triq kien hemm il-wesgħat u kellhom isiru l-iregolaritajiet fil-ġnub tat-triq, b'hekk kien hemm dawn il-varjazzjonijiet. Il-Kunsill qabel ma li qal il-Perit u qabel li jħallas dan il-kont kollu.

Kont tat-triq bil-konkos Mġarr ix-Xini

**2.2** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-istat ħażin tal-wiċċ tat-triq tal-bqija tat-Triq Mġarr ix-Xini u li l-Ministeru għal Għawdex kien ħareġ offerta għal kumplament tat-triq bil-konkos. Dan qal li hu nfurmat li dan ix-xogħol mhux se jsir qabel is-sajf peress li l-għaqdiet/NGO's tal-bugħaddasa qed jilmentaw biex ma jibdiex dan ix-xogħol peress li ssa daħal ftit taż-żmien u huma ma jitilfux mix-xogħol tagħhom peress li ssa ser tibda tiġi ffrekwentata kemm minnhom u mit-turisti din il-bajja. B'hekk l-MGOZ hemm il-ħsieb li dan ix-xogħol jsir wara dan is-sajf ta' din is-sena. Is-Sindku qal li għalhekk kif kien maqbul mill-Kunsill qabel ma sar jaf b'dan, din it-triq  għandha tiġi ppecjata l-ewwel parti tat-triq (fejn hemm il-farms tal-baqar) bil-konkos fejn hemm ħofor kbar u perikolużi. Hu, l-Perit tal-Kunsill flimkien mall-Kuntrattur ġa marru fuq il-post biex jaraw x'hemm bżonn li jsir.

Patching Triq tal-Gruwa għal Bajja ta' Mġarr ix-Xini

**2.3** TENDER 01/2016: Resurfacing of Triq Skerla, Ta' Sannat with Hot Rolled Asphalt

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-egħluq tat-Tender 01/2016 Resurfacing of Triq Skerla, Ta' Sannat with hot rolled asphalt kien nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2016 f'nofinhar. Preżenti għal ftuħ dak il-ħin tal-egħluq kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku, l-Kunsillier Joseph

Tender 01/2016 Resurfacing of Triq Skerla

Bajada u l-Kunsilliera Margaret Said. Għal din l-offerta ġew offruti żewġ offerti li kienu dawn:

i. Gatt Tarmac Ltd. €107076.21
ii. Road Construction €116169.69

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-BOQ ta' dawn l-offerti ngħataw lill-Perit tal-Kunsill biex jara jekk hux kollox kien mimli kif suppost u jara liema minnhom hi l-aktar offerta vantaġġjuża qabel jiddeċiedi l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fejn fil-Budġit ta' din is-sena kien ġie ivvotat l-ammont ta' €50,000 għal din it-triq, u li dan kien sar wara ftehim mall-Ministeru għal Għawdex u l-Kumpanija Vodafone li qattat trinka tul it-toroq; Triq Skerla, Triq Ta' Ċenċ, Pjazza Santa Margerita, Triq Sannat u Triq ix-Xewkija. Il-Perit għandu jinforma lill-Kunsill bil-BOQ ġdid biex isir il-kuntratt mall-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. li hu l-irħas offerent. Il-Perit qal li mill-anqas irid isir bejn 3 jew 4 pulżieri tarmak biex it-triq tiġi b'saħħita. Is-Sindku semmha li quddiem l-Iskoll Restuarant u l-isfel fil-wesgħa ta din it-triq għandha ssir hard shoulder wiesgħa bil-konkos. Is-Sindku semmha wkoll li minn naħa ta' Triq Skerla fid-daħla ta' Triq Palazz Palina il-Korporazzjoni tal-ilma trid tgħaddi main ġdid għal Triq il-Kalati.

**2.4** Is-Sindku qara ittra lill-Kunsill fejn f'din l-ittra l-Kunsill ser jinforma lir-residenti ta' Triq Skerla u Triq Ta' Ċenċ tal-parti t'isfel fejn ser jiġu nfurmati b'dak li ser jiġri bit-tarmak ta' trinka ta' Triq Ċenċ, fejn dan r-resurfacing ser jingħata fi Triq Skerla peress li fil-futur qarib il-Ministeru għal Għawdex ser jkompli Triq Ta' Ċenċ bl-għoti tal-wiċċ ġdid bit-tarmak lil din it-triq. F'din l-ittra wkoll il-Kumpanija Vodafone ser toffri Vodafone SIM card b'1 GB bil-4G Network kompletament b'xejn mill-ħanut tagħhom ġewwa l-Arkadia lil dawn ir-residenti. Il-Perit tal-Kunsill għandu jara fejn ser iwassal dan l-ammont ta' tul ta din it-trinka li saret fi Triq Ta' Ċenċ bl-ammont ta' 889m$^2$ tarmak u li dan ser jingħata mill-Kumpanija Vodafone.

Voucher mingħand il-Kumpanija Vodafone lir-residenti ta' Triq Skerla u Triq Ċenċ il-parti 't isfel

**2.5** Is-Sindku talab lill-Perit biex jgħati l-informazzjoni neċċessarja tal-Pjazza Santa Margerita lil Clive Refalo li qed jgħamel l-artistic impression ta' din il-pjazza.

Artistic Impression Pjazza Santa Margerita

**2.6** Il-Perit tal-Kunsill ħalla l-kamra tal-laqgħat.

**2.7** L-Accountant tal-Kunsill wkoll kienet mistiedna tattendi għal din il-laqgħa Hi spjegat id-draft Management Letter mingħand l-Awditur u li tgħat il-pariri tagħha x'għandna nwieġbu meta nirċievu lura minn National Audit Office. Hi semmiet li l-Awditur semmha li jrid jiġi aġġornat il-Fixed Assets Register. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan jinvolvi ħafna xogħol peress li jmur lura sa mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali ghax dan qatt ma sar..

Fixed Assets Register

**2.8** Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni b'referenza għall-imejl li ntbgħatet mill-Arċipriet tal-Parroċċa dwar Jum Sannat 2016. Il-Viċi Sindku qalet li dakinhar hi ma kinitx tiflaħ, is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien ġie nfurmat b'dan b'messaġġ mill-Viċi Sindku qabel bdiet l-attivita' u kien nforma lis-Sindku u lill-Kunsilliera Margaret Said li kienu preżenti. Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li hi kellha xi eżamijiet u l-Kunsillier Bajada qal li hu kien xogħol u għalhekk ma setgħux jattendu dakinhar.

Assenża minn Jum Sannat

**2.9** Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li rċieva l-ittra mingħand id-Dipartiment Projeta' tal-Gvern dwar raba' fi Triq Marziena, Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li jirrilaxxa dawn it-talbiet tal-Kunsill ta' dak iż-żmien. — Ittra mid-Dipt. Tal-Artijiet

**2.10** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħat konċernati anke mall-Avukat tal-Kunsill biex inkitbet ittra lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni tal-Pompa tal-Ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. — Devoluzzjoni tal-Pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini

**2.11** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nkitbet ittra lill-Kummissarju Elettorali dwar ir-Referendum – Ta' Ċenċ bid-data tas-Sibt 18 ta' Ġunju 2016 u li din ġiet proposta mill-Kunsill, hu qal li l-Kunsill għandu jirċievi risposta dwar din l-għajnuna din il-ġimgħa. — Referendum – Ta' Ċenċ

**2.12** Is-Sindku qal li l-water culvert fi Triq tal-Gruwa tlesta, għad fadal ix-xogħol tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ mill-Ħaddiema tal-Proġetti u Żvillup fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Dawn talbu lill-Kunsill biex jixtri l-ġebel tal-kantun biex il-ħajt jinbena fuq pedament sod. Il-Kunsill qabel ma dan. — Water Culvert Triq tal-Gruwa

**2.13** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-wiring tal-fanali ta' Triq 28 ta' April 1688 ġew irranġati u qed jixgħelu kif suppost. Il-Kunsill għandu jirċievi l-kont dwar dan ix-xogħol mill-Kuntrattur Richard Cauchi. — Fanali Triq 28 ta' April 1688

**2.14** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għall-kors tal-kompjuter bla ħlas, il-Kunsill kellu konkorenza tajba ħafna u li għal dan il-kors applikaw 22 persuna li dan l-ammont hu aktar mill-limitu ta klassi li xtaq li jkollu l-għalliem ċioe dak ta' 16 il-persuna. Is-Sindku qal li ġab mill-NGO Centre 10 laptops li ġew mislufa għal użu ta dan il-kors mingħandhom. Dan il-kors se jibda nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill qabel li peress li kien hemm konkorenza tajba għandhom isiru żewġ lezzjonijiet fl-istess ġurnata, dejjem jekk ikun hemm qbil ma l-għalliem. — Kors tal-Kompjuter

**2.15** Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li ser japplika għal ISBN Number biex isiru stickers apposta u jitwaħħlu fuq il-ktejjeb tal-Innu Ta' Sannat qabel jintbghatu lill-libreriji pubbliċi. Dan ser jiswa lill-Kunsill €20. Il-Kunsill qabel ma dan. — ISBN No. Ktejjeb tal-Innu

**2.16** Is-Sindku tkellem dwar il-Bye Law ta' Mġarr ix-Xini, hu qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mall-Avukat tal-Kunsill biex jiffinalizzaw din il-Bye Law qabel din tintbgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. — Bye Law Mġarr ix-Xini

**2.17** Dwar il-Permessi tal-festa s-Sindku qal li għal din is-sena dawk interessati li jarmaw fil-ġimgħa tal-festa l-postijiet se jibqgħu l-istess bħal dawk tas-sena l-oħra. Hu talab li għandha ssir laqgħa apposta mall-hawkers kollha li jixtiequ jarmaw f'din is-sena fejn se jiġi spejgat li minn din is-sena l-Kunsill ser jitlob depositu ta' €50 lil kull hawker biex jassigura li jżomm l-indafa fil-madwar li qed tiġi tiswa lill-Kunsill ammont ta' flus. — Permessi tal-kiosks fil-ġimgħa tal-festa

**2.18** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għal fitness classes applikaw 5 persuni biss. Il-Kunsill qabel li dawn ma jsirux. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara jekk hemmx xi sessjonijiet ta' dawn il-classes biex dawk li applikaw jiġu nfurmati b'dan. — Fitness Classes

**2.19** Is-Segretarju Eżekuttiv reġa semmha l-Giochi senza frontieri biex il-Kunsill jgħażel data. Il-Kunsill ma ħax deċizzjoni ta meta ser issir din l-attivita' fis-sajf. Giochi senza frontieri

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kummissjoni Valletta 2018 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għawdxin organizzat mawra sa Malta nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju, 2016 għal anzjani minn kull lokalita' fejn dawn żaru l-infiorata u l-ġonna tal-kunvent tal-Klawsura ta' Santa Katerina u tal-Palazz tal-Isqof fil-Belt Valletta. Minn Ta' Sannat attendew 20 anzjan kif kien rikjest mill-Kummissjoni. Ma dawn l-anzjani attendiet il-Kunsilliera Margaret Said. Harġa Valletta 2018

**3.2** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini matul ix-xhur tax-Xitwa saru xi ħsarat u li dawn jikkonsistu fir-rampa ta' quddiem il-kamra (magħrufa taż-żinku) li din tinsab miksura u ta' periklu għal kull min jgħaddi minn fuqha, apparti li l-moll ta' din in-naħa (in-naħa tat-telgħa tat-triq) jinsab maqsum u dan l-aħħar waqat u tfarket fil-baħar il-ponta ta' ras dan il-moll. Is-Sindku ssuġġerrixa li għandha titwaħħal tabella dwar dan u li għandha tinkiteb ittra lill-Malta Maritime – Transport Malta. Periklu (moll) fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini

**3.3** Is-Sindku qal li hu kiteb imejl lill-Ministru għal Għawdex fejn infurmah li l-offerta li ħareġ l-MGOZ dwar għoti ta' wiċċ ġdid bit-tarmak hu għal Triq it-Tabib Anton Tabone (il-Qasam) u mhux Triq Sannat. Apparti dan għandha ssir laqgħa miegħu biex il-Kunsill jara fhiex waslet l-offerta għal Triq Sannat u li għandu jitkompla l-water culvert li għamel il-Kunsill minn wara l-Knisja fi Triq Dun Xand Aquilina biex dan jibqa sejjer sa nofs dan il-Qasam. Is-Sindku qal li qed jiġi mitlub minn xi persuni li fi Triq it-Tabib Anton Tabone issir bankina apposta minn fejn wieħed ikun jista jimxi. Triq Sannat

**3.4** Is-Sindku qal li permezz ta' imejl il-Kunsill ġie mitlub għal laqgħa l-Planning Authority dwar l-iżvillup fi Triq Xamgħan. Hu qal li l-permess għal bini f'din it-triq issa ħareġ. Żvillup fi Triq Xamgħan

**3.5** Is-Sindku qal li minn dan ix-xahar sa Awwissu ser tibda ssir x-xarabank għal Erbgħat ta' Pinu b'sussidju mill-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija. Erbgħat Ta' Pinu

## 4. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar l-offerta tat-tindif u mantensjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat hu talab il-parir mingħand id-Departiment għal Gvern Lokali u rċieva lura u qal li taħ l-parir li skond Memo 34/2015 biex għalissa il-Kunsill jista joħroġ kwotazzjoni għal sena sakemm ma tinqabisx it-threshold. Il-Kunsill qabel ma dan. Kwotazzjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat

**4.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport tal-Ewwel Kwart għal Jannar – Marzu 2016 fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv Rapport tal-Ewwel Kwart Jan – Mar 2016

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill b'ittra li rċieva mingħand il-Librara fejn talbet li jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija kull nhar ta' Ġimgħa mis-2.00 p.m. sal-5.00 p.m. u kull nhar ta' Sibt mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m. Il-Kunsill ma qabilx ma dan u qal li n-nies issa drat dawk il-ħinijiet li qed tiftaħ bħalissa. Proposta fil-bdil tal-ħinijiet tal-librerija

**4.4** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nxtrat printer ġdida għall-librerija flokk dik miksura. Il-Kunsill qabel ma dan. Printer ġdid għal Librerija

**4.5** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ircieva mingħand il-Validation Services - Kummissjoni Ewropea għal dokumenti relatati mall-applikazzjoni tal-ġemellaġġ u li dawn intbgħatu. Ġemmellaġġ - Applikazzjoni

**4.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu attenda għal laqgħa organizzata mill-Wasteserv dwar proġett pilota fuq il-ġbir ta' skart organiku u li din saret nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2014 fis-sala tal-laqgħa fil-Kunsill Lokali Rabat – Għawdex. Hu qal li f'din il-laqgħa ġie spjegat kif ser jinqasam l-iskart organiku. Dan ser jidħol fis-seħħ minn Settembru li ġej. Ġbir ta' skart Organiku

**4.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li ġie stampat il-Ktejjeb tal-Innu Ta' Sannat, il-Kunsill talab kwotazzjoni biex ikun jaf bejn wieħed u ieħor jekk jerġa jistampa 500 ktieb ieħor kemm ikun il-prezz. Il-Gozo Press tagħat din l-kwotazzjoni għal prezz ta' €675. Il-Kunsill qal li għad fadallu xi kotba minn dawn imbgħad jara l-quddiem. Kwotazzjoni Ktejjeb Innu Ta' Sannat

**4.7** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 29 ta' April saret laqgħa mall-LESA dwar il-Green Wardens. Laqgħa – LESA

**4.8** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Beach Section Dept. fi hdan il-Ministeru għal Ghawdex talbu lil Kunsill Lokali biex jinxtara xi materjal ta' żebgħa għal bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan. Materjal Bajja Ta' Mġarr ix-Xini

**4.9** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-polza tal-assigurazzjoni waslet biex tiġi mġedda. Il-Kunsill qabel ma dan. Polza tal-assigurazzjoni

**4.10** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ġie mitlub biex it-Tnejn tal-ġimgħa tal-festa ta' Santa Margerita, l-Kumitat tal-festi esterni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ser jorganizza ikla fil-Pjazza Santa Margerita fejn il-Kunsill ser jaħseb għal P.A. system, compere u kantant. Dan talab ukoll li għal ma waqt id-daqq tal-innu s-Sibt u l-Ħadd tal-festa il-Kunsill jaħseb għal PA system u following Spot. It-Tlieta tal-ġimgha tal-festa il-Parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ser ittelgħa Kunċert Mużikali f'egħluq l-125 ta' Vincenzo Caruana Spiteri (Surmast u Mużiċist) fejn il-Kunsill ser jidħol responsabbli għall-istampar ta' posters, inviti u booklet waqt is-serata. Is-Soċjeta Mużikali Santa Margerita ukoll talbet l-kollaborazzjoni tal-Kunsill għal Kunċert mużikali l-Erbgħa tal-festa, l-Kunsill ser jieħu ħsieb għal kiri ta' PA sytem, kiri ta' dwal għal fuq l-istage u kiri ta' siġġijiet. Il-Kunsill qabel ma dan. Attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa

**4.11** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill f'korrispondenza il-MEMO's li rċieva mid-DLG li kienu:
MEMO 11/2016 Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal
MEMO 12/2016 Apprezzament u Ringrazzjament (mid-Direttur DLG)
Memos – DLG

**4.12** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-iskola primarja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għada ser torganizza Healthy Lifestyle Day li għal din l-attivita' ser ikunu mistiedna ukoll l-ġenituri. Il-Kunsill se jaħseb għal frott, ħobż u ħalib. Il-Kunsill qabel u se jattendi għal din l-attivita'. Healthy Lifestyle Day

## 5. Ilmenti u Suġġerimenti

**5.1** Tal-Public Cleansing (MGOZ) issuġġerew li jitwaħħal bin fil-pjazza Ta' Ċenċ (fejn il-Hotel Ta' Ċenċ) fejn hemm il-Bus Stop. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan meta din il-pjazzetta titlesta.

**5.2** Il-Kunsill innota li hemm NO STOP sign quddiem l-iskola nieqsa. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

**5.3** Is-Sinjura Doris Borg qed titlob li l-bank fejn il-Girna Restaurant jitneħħa peres li hemm hekk ser jinfetaħ bieb. Il-Kunsill qabel li dan jitressaq f'post ieħor

**5.4** Is-Sinjura Josianne Xerri li toqgħod fi Triq il-Kbira qed titlob li ssir bankina ġdida mar-residenza tagħha bil-materjal minn tagħha. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u li mportati li l-materjal ikun tajjeb għal barra u li x-xogħol isir mill-Kuntrattur tal-bankini.

**5.5** Il-Ministeru għal Għawdex ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm mera fil-kantuniera fejn il-belveder fi Triq Skerla miksura u li trid tinbidel. Il-Kunsill ġa ħa passi dwar din il-mera miksura u li din ġiet mibdula. Ilmenti u suġġerimenti

**5.6** Fi Triq Mġarr ix-Xini hemm ħofor perikoluzi speċjalment ħdejn il-farm tal-baqar. Il-Kunsill ġa qabel li l-ħofor perikolużi fil-bidu ta' din it-triq ser jiġu ppeċjati qabel issir it-triq mill-Ministeru għal Għawdex.

**5.7** Is-Sur Joseph Mizzi qed jilmenta li fi Triq Ta' Ċenċ qed jitħalla trakk mgħobbi bil-ġebel pparkjat fuq in-naħa opposta anke bil-lejl. Il-Kunsill ġa ħa azzjoni dwar dan it-trakk u li dan tneħħa.

**5.8** Xi residenti minn Triq Skerla ġibdu l-attenzjoni li fi Triq Skerla hemm fanal miksur u ta' periklu u qed jissuġġerixxu li jiġi installat ieħor ġdid mill-aktar fis possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv ġa kellem lill-kuntrattur dwar dan u ordna wieħed ġdid biex jeħel mill-aktar fis possibli biex jitneħħa l-periklu.

**5.9** L-Arċipriet qed jitlob li jekk inhu possibbli jinżebgħu l-iskrizzjonijiet fl-irħam li hemm mad-dawra mejt tal-ħitan tal-knisja. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Marmista mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvillup (MGOZ) biex isir dan ix-xogħol isir qabel il-festa.

**5.10** Is-Sinjura Doris Abela Fitzpatrick reġgħet ilmentat dwar il-ħsara li saret mill-bankina lit-taraġ tal-ġebel tad-dar tagħha. Il-Kunsill ser jitlob lill-Kuntrattur biex jara x'jista jsir u li din l-problema tiġi rranġata.

**5.11** Il-Kunsillier Joe Bajada qal li xi residenti minn Triq it-28 ta' April 1688

kantuniera ma Triq Dun Lazzru Camilleri ġibdulu l-attenzjoni li xi turisti mill-appartamenti qed iħallu l-borża taż-żibel fil-weekend barra. Il-Kunsill qabel li titwaħħal tabella biex ma jintremax żibel barra.

**5.12** Il-Kunsilliera Margaret Said ġibdet l-attenzjoni dwar il-qtugħ tal-ħaxix fi triq ta' fuq Triq Mgarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie ordnat mutur ġdid tal-qtugħ tal-ħaxix peress li l-qadim qed għat-tiswija.

**5.13** Is-Sur Giovann Buttigieg ġibet l-attenzjoni li Triq Dun Xand Aquilina quddiem tal-Vigaru Ġenerali ta' Għawdex għandha tiġi One Way. Dwar dan ġa hemm approvazzjoni minn Transport Malta kemm jiġu ordnati t-tabelli

***Fl-4.05 p.m. Fuq raġunijiet personali s-Sindku talab lill-Viċi Sindku biex tippresidi u tkompli l-laqgħa hi u ħalla l-kamra tal-laqgħat.***

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti. Pagamenti

## 7. Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa ntemmet fl-4.22 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016, fis-2.00 p.m. Aġġornament

**(Iffirmata)** **(Iffirmata)**

***Philip Vella***
*Sindku*

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 13.6.2016